**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 190575** **20.03.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Kampanja favur id-donazzjoni tal-organi, fil-Parlament***

L-Ispeaker Anġlu Farrugia flimkien ma' numru ta' membri parlamentari ngħaqdu mal-kampanja 'Life After Drew' li għaddejja bħalissa u li għandha l-għan li tippromwovi l-att ġeneruż u altruwist tad-donazzjoni tal-organi. Permezz tal-kampanja, il-familjari ta' Drew Abela - żagħżugħ li wara mewtu f'età żgħira ta ħajja mill-ġdid lil numru ta' persuni li ħajjithom kienet tiddependi minn jekk isibux donatur ta' xi organu - flimkien mat-Transplant Support Group (Malta), qed ifakkru l-memorja ta' Drew u ta' donaturi oħra bħalu u qed jaħdmu biex jiżdied in-numru ta' persuni li jirreġistraw ix-xewqa li wara mewthom ikunu donaturi ta' organi.

F'kelmtejn tal-okkażjoni l-Ispeaker enfasizza kemm il-Malti hu poplu ġeneruż; dan jidher fid-diversi talbiet għall-għajnuna u f'attivitajiet ta' ġbir ta' fondi li jsiru matul is-sena. Żied li ma' dawn wieħed irid jieħu nota wkoll tal-għajnuna li jagħtu diversi NGOs kif ukoll individwi li jiddedikaw ħin u impenn lejn persuni fil-bżonn, spiss b'mod volontarju u anke 'l bogħod mil-lenti pubblika. Dan hu ġest ta' mħabba vera, imħabba li tagħti mingħajr ma tfittex li tieħu xi ħaġa lura. L-Ispeaker Anġlu Farrugia rrefera wkoll għall-fatt li hu kien wieħed mill-fundaturi tat-Transplant Support Group u li sa mit-twaqqif tiegħu għamel xogħol *pro-bono* bħala konsulent legali tal-istess organizzazzjoni.

Irringrazzja lil dawk il-membri parlamentari li diġà għamlu dan il-ġest kif ukoll lil dawk li llum irreġistraw bħala donaturi tal-organi. L-Ispeaker Farrugia rringrazzja wkoll lill-President Marie-Louise Coleiro Preca li kienet hi li ċemplitlu biex tittella' din l-attività fil-Parlament biex bil-kollaborazzjoni ta' *Wemedia* b'dan il-ġest jitħajru aktar persuni li jingħaqdu f'din l-inizjattiva.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia fakkar li min jixtieq jirreġistra bħala donatur jista' jagħmel dan billi jniżżel il-formula mis-sit www.organdonation.gov.mt fejn jista' jsib aktar informazzjoni.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**